***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum il-Hamis, 22 ta' Novembru 2018.**

**Rikors Numru: 1738/2018/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1738/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Joseph Mercieca (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0038874 M)**

**vs**

**James Matthew Xuereb iben Louis Xuereb u Maria Stella**

**nee` Borg, imwieled Pieta` fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar elf disa' mija hamsa u sebghin (1957) u residenti Birkirkara b' karta tal-identita` bin-numru 0123675(M), u Romina Xuereb xebba Micallef mart James Matthew Xuereb, bint Anthony Micallef u Pauline nee` Bezzina, imwielda Birkirkara fid-dsatax (19) ta' Marzu elf disa' mija disgha u sebghin (1979) u residenti Birkirkara, b'karta tal-identita` bin-numru 0172179(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Joseph Mercieca (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0038874(M), datat 26 ta' Ottubru 2018 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-

intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikol ari -

Il-Mezzan bla numru jismu Kootonai, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon f'Birkirkara, soggett ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) cens annwu u perpetwu, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, bl-arja tieghu, sovrappost ghal *drive-in* privata u jikkonfina mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq, mill-Punent ma' beni ta' Edward Haber u Rita Xuereb, u mil-Lvant ma' beni ta' Alfred Camenzuli u Mary Anna D' Emanuele, mibnija fuq parti mill-*plots* ittri "D" u "E", formanti parti mill-art imsejha "Tal-Herba", bi dritt li jghaddu meded katusi ghad-*drains* u drenagg mill-*garages* sottopost bil-konsegwibbli dritt ta' access f' kaz ta' bzonn ta' tiswija u manutenzjoni. Il-*garages* sottostanti jistghu jintuzaw biss bhala *private car garages.*

Illi dan il-Mandat kellu jsir peress li l-esponenti intavola Mandat ta' Sekwestru (kopja annessa Dokument A).

Illi b' dan il-Mandat ta' Sekwestru kull ma kien hemm cedoli depozitati kienu tnejn biss (kopji annessi Dokument B u Dokument C).

Illi ghalhekk il-pretensjoni tal-esponenti mhux kawtelata bizzejjed.

Illi l-esponenti ghamel ir-ricerki fuq l-intimati (kopja annessa Dokumnet D) u sab li ghandhom il-fond *de quo.*

Illi ghalhekk l-esponenti ghandu interess li jinibixxi lill-intimati milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b' titolu oneru jew gratuwitu mill-imsemmi fond, peress li dan huwa l-ass li jista' jaghmel tajjeb ghat-talba tieghu.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tat-26 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-13 ta' Novembru 2018, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat James Matthew Xuereb u Romina Xuereb detenturi ta' karta tal-identita` 123675M u 172179M rispettivament, datata 30 ta' Ottubru 2018 a fol 23 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta' Novembru 2018 fejn meta sejjah il-mandat deher ir-rikorrent assistit minn Dr Maxilene Ellul u Dr Amadeus Cachia ghall-intimati prezenti fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors qed jigi differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jigu inibiti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b' titolu oneru jew gratuwitu mill-fond deskritt fir-rikors, peress li dan huwa l-ass li jista' jaghmel tajjeb ghat-talba tieghu.

Illi l-intimati opponew ghat-talba tar-rikorrent izda harsa lejn ir-risposta turi li l-opposizzjoni tal-intimati hija ppernjata fuq l-element ta' htiega irrimedjabbli.

Ikkonsidrat li huwa manifest li dan il-mandat qed jintalab abbazi tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kawtela ta' jedd pretiz ghad-danni kontrattwali li jeccedu l-ammont ta' €11,646. Ghalhekk, skont l-istess disposizzjoni kif assodata wkoll fil-gurisprudenza taghna, mhuwiex mehtieg li r-rikorrent jipprova li l-hrug tal-mandat huwa mehtieg irrimedjabbilment izda l-kreditu ghandu jeccedi l-ammont ta' €11,646.86 u l-kreditu jrid jirrizulta *prima facie*.

Ir-rikorrent ghalhekk ghandu juri biss li jkun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[1] Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhiex inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-

[1]Ara f'dan is-sens "***Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza "***Grech pro et noe vs Manfre*"** ir-rekwizit tal-jedd 'prima facie' huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat. Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitata ghall-apprezzament tal-elementi guridici u fattwali fuq bazi *prima facie*. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib.[2]

Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Tajjeb li jkun riaffermat li l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju hu jekk bl-agir li

[2] Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino** ***noe. vs.*** **Caruana Curran** ***noe. et.*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Rat ukoll li *ai fini* tal-**artikolu 874(2**) kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2016, gie esebit abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd Prima Facie**

Effettivament ir-rikorrent qed jirreklama l-ammont ta' €70,000, rapprezentanti somma imhallsa lill-intimati fuq ftehim ghat-trasferiment ta' permess ta' gabbana.

Gie sottomess fit-trattazzjoni li dan il-permess ma jistax jigi ttrasferit billi mhuwiex ser jinhareg mill-Malta Enterprise li hija l-Awtorita` kkoncernata bil-hrug ta' dawn il-permessi. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-bazi guridika pretiza mir-rikorrent giet ippruvata almenu fuq bazi *prima facie* kif trid il-Ligi.

Illi b'referenza ghall-mandat ta' sekwestru gja ottjenut fl-istess ismijiet premessi, jirrizulta li gew depozitati circa

€6,500 mis-sekwestratarji fit-terminu stabbilit bil-Ligi. Kwindi r-rikorrent certament mhuwiex ikkawtelat sal-limitu tal-pretensjoni dedotta.

**III. DECIDE.**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi, billi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrent u kwindi li jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, **tilqa' t-talba** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kif dedotta fir-rikors premess.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Novembru 2018**